MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 153/2017 LM

**Alexandra Sciberras (K.I. 160664M) u Mario Sciberras (K.I. 190466M)**

***vs.***

**Glenn Pullicino (K.I. 266393M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' Frar, 2017 mill-atturi **Alexandra Sciberras** (K.I. 160664M) u **Mario Sciberras** (K.I. 190466M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Alexandra Sciberras stess, li jgħid kif ġej:

***FATTI:***

1. *Illi fid-dsatax (19) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015) fi Triq il-Kottonera, Birgu, waqt li r-rikorrenti kienu qegħdin jaqsmu l-imsemmija triq, u ċioe Triq il-Kottonera,*

*sabiex imorru jixtru mingħand spiżerija bl-isem ta' 'Milia's Pharmacy', li tinsab f'din l-istess triq, l-intimat u ċioe Glenn Pullicino (ID 266393M) ta' St. Joseph, Triq Wied il-Għajn, Żabbar, li kien qed isuq il-vettura tat-tip Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni VWP-099 tajjar lill-esponenti;*

2. *Illi filwaqt li l-esponenti Mario Sciberras ġarrab ġrieħi ta' natura ħafifa, l-esponenti Alexandra Sciberras kienet fil-periklu tal-mewt. Illi a kawża tal-istess inċident awtomobilistiku, ir-rikorrenti sofriet ukoll diżabilità permanenti, hekk kif evidenti mid-dokumentazzjoni klinika annessa u mmarkata bħala Dok. A;*

3. *Illi l-imsemmi inċident awtomobilistiku seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;*

4. *Illi dawn il-fatti huma dikjarati u huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.*

***RAĠUNIJIET GĦAT-TALBIET ATTRIĊI:***

5. *Illi l-intimat minkejja li ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 23/2017 datata 5 ta' Jannar 2017 sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti fl-imsemmi inċident awtomobilistiku, baqa' inadempjenti u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.*

6. *Illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-intimat kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar id-dsatax (19) ta' Frar 2015 fi Triq il-Kottonera, Birgu u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti bħala riżultat tal-inċident de quo occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

***TALBIET:***

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara lill-konvenut Glenn Pullicino (K.I. 266393M) unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fi Triq il-Kottonera, Birgu nhar id-dsatax (19) ta' Frar, 2015, fejn l-intimat tajjar lir-rikorrenti Alexandra Sciberras (K.I. 160664M) u Mario Sciberras (K.I. 190466M) bil-vettura tal-marka Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni VWP 099, kif premess aktar 'il fuq u tiddikjarah responsabbli għall-konsegwenzjali danni li sofriet ir-rikorrenti Alexandra Sciberras;*

2. *Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi d-danni konsegwenzjali għall-inċident hawn fuq imsemmi, sofferti milll-attriċi Alexandra Sciberras (K.I. 160664M); u*

3. *Tikkundanna lill-konvenut Glenn Pullicino (K.I. 266393M) iħallas lir-rikorrenti Alexandra Sciberras (K.I. 160664M) u Mario Sciberras (K.I. 190466M) l-ammont hekk likwidat bħala danni.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-ħamsa (5) ta' Jannar 2017 u dik tal-ħmistax (15) ta' Frar, 2017 u bl-interessi legali mid-data tas-sentenza kontra l-intimat, minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Glenn Pullicino** (K.I. 266393M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ippreżentata fit-8 ta' Marzu, 2017, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Preliminarjament, jiġi eċċepit in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur Mario Sciberras;*

2. *Illi fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi, u dan stante li l-eċċipjenti mhux responsabbli għall-inċident de quo, liema inċident seħħ minħabba traskuraġni, imperizja u/jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-atturi;*

3. *Illi konsegwentement, ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati kontra l-eċċipjenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Jannar, 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna hija kawża għad-danni ppreżentata mill-atturi in segwitu għal inċident awtomobilistiku fejn l-atturi sfaw imtajra mill-konvenut waqt li kienu sejrin jixtru minn spiżerija fi Triq il-Kottonera, il-Birgu. L-attriċi li għal xi ħin wara l-inċident kienet anki fil-periklu tal-mewt, sofriet debilità permanenti u kien għalhekk li nfetħu dawn il-proċeduri mill-atturi fejn talbu li jiġi dikjarat mill-Qorti li l-konvenut kien responsabbli għall-inċident inkwistjoni u talbu wkoll il-likwidazzjoni tad-danni. Il-konvenut min-naħa tiegħu ċaħad li hu responsabbli għall-akkadut, u wieġeb li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba traskuraġni, imperizja, u/jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-atturi.

**Provi u riżultanzi**

L-atturi ppreżentaw kopja tal-*case summary* li ngħatat lill-attriċi mar-rilaxx tagħha mill-Isptar Mater Dei fejn kienet ġiet rikoverata wara l-inċident[1], kif

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.

ukoll kopja ta' ċertifikat bid-dettalji dwar dak li rriżulta li kienet qiegħda ssofri minnu l-attriċi hekk kif iddaħħlet l-Isptar.[2] L-atturi ppreżentaw ukoll kopja tar-rapport tal-Pulizija fir-rigward tal-imsemmi inċident[3], minn fejn jirriżulta li l-atturi ddaħħlu l-Isptar wara l-inċident bl-attur li kien qiegħed isofri minn ġrieħi ħfief, u bl-attriċi li kienet qiegħda ssofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

L-attur **Mario Sciberras** fl-*affidavit* tiegħu qal[4] li fid-19 ta' Frar, 2015 hu u l-mara tiegħu kienu ġejjin bil-vettura tagħhom minn Ħaż-Żabbar fid-direzzjoni lejn Bormla, u hekk kif għaddew minn Bieb is-Sultan iddeċidew li jinżlu jixtru minn spiżerija li hemm fi Triq il-Kottonera, il-Birgu. Qal li biex setgħu jinżlu jixtru, hu pparkja l-vettura faċċata tal-ispiżerija, u dak il-ħin kien diġà dalam. Spjega kif ippruvaw jaqsmu t-triq b'kawtela, u kif ġew biex jaqsmu żammew idejn xulxin. Qal li t-triq hi waħda dritta għalkollox u huma kellhom viżwali tajba biex jaqsmu, u żied jgħid li kieku ġiet vettura mid-direzzjoni opposta hu kien jaraha. Spjega kif wara li għaddew serbut vetturi, u hu u l-mara tiegħu kienu appena ser jaqsmu t-triq, ħass impatt qawwi ġej minn wara, tant li bl-impatt spiċċa ntefa' madwar metru bogħod mill-bankina tal-ispiżerija. Qal li dak il-ħin hu rnexxielu jqum mill-art u mill-ewwel beda jfittex lill-mara tiegħu, l-attriċi. L-attur żied jgħid li l-mara tiegħu wkoll kienet mal-art, madwar erba' metri 'l bogħod minnu fuq il-karreġġjata li tagħti minn Bormla għal Ħaż-Żabbar, u dak il-ħin ma kinitx qiegħda tiċċaqlaq u kienet mitlufa minn sensiha. Qal li fuq il-post mill-ewwel ingħataw l-ewwel għajnuna minn tabib li kien qiegħed jara n-nies fl-ispiżerija fl-istess triq, u għadd ta' vetturi li inzertaw għaddejjin mill-inħawi waqfu biex jaraw l-atturi x'kien ġralhom. Kompla jgħid li l-mara tiegħu ttieħdet l-Isptar b'ambulanza u mill-ewwel bdew isirulha t-

[2] *A fol.* 9 tal-proċess.
[3] *A fol.* 11 tal-proċess.
[4] *A fol.* 33 tal-proċess.

testijiet neċessarji minħabba l-ġrieħi serji li sofriet, u hu rrifjuta li jsirulu eżamijiet mediċi f'dawk iċ-ċirkostanzi minħabba li kien aktar moħħu fil-mara tiegħu. Żied jgħid li l-ewwel indikazzjonijiet li ngħatawlu kienu li l-mara tiegħu kienet fil-periklu tal-mewt minħabba fl-emorroġija interna li kellha f'rasha, u matul dak il-lejl stess sarulha aktar testijiet u eżamijiet mediċi sabiex tiġi determinata l-gravità tal-ksur li kellha f'rasha. Spjega kif aktar tard dakinhar stess, il-mara tiegħu żviluppat *pneumonia* kif irriżulta mill-*x-rays* li bdew isirulha, u kellha titpoġġa f'tinda tal-ossiġenu. Kompla jgħid li minkejja li l-inċident seħħ fil-ġurnata tal-Ħamis, kien biss il-Ħadd ta' wara li l-mara tiegħu fetħet għajnejha u kellmitu għall-ewwel darba. Żied jgħid li kien it-Tnejn filgħodu li l-mara tiegħu ttieħdet mit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar għal *neurosurgical ward* u t-tobba kienu qalulu li dan ma jfissirx li l-kundizzjoni tagħha ma kinitx għadha waħda gravi. L-attur spjega li wara xi ġranet il-mara tiegħu ntbagħtet id-dar, iżda minn hemmhekk beda jinduna li ma kienet qiegħda tagħmel l-ebda progress, tant li kienet qiegħda tqatta' ħin twil fis-sodda u kienet tħossha għajjiena kontinwament. Qal li l-ħajja soċjali tagħha wkoll ġiet affettwata, tant hu hekk qabel l-inċident kienet tagħmel xogħol volontarju u d-dar kienet tagħmel kollox waħedha, imma wara l-inċident kellha bżonn ħafna għajnuna. Spjega kif kien hemm episodju meta l-mara tiegħu kellha reazzjoni qawwija billi ntefaħ wiċċha u ġisimha u kellha ħafna tbajja' ħomor ma' ġisimha kollu, u t-tobba qalulu li jista' jkun li dan kien effett ta' xi mediċina li l-attriċi ngħatat meta kienet rikoverata fin-*neurosurgical ward.* Qal li dak il-ħin stess il-mara tiegħu reġgħet ittieħdet l-Isptar, fejn ingħatat għadd ta' injezzjonijiet kif ukoll *drip* sabiex din teħles mill-effetti tal-allerġija li ħakmitha, u n-neurologu li kien ikkuraha kemm damet l-isptar kien qalilhom li ma kienx hemm il-ħtieġa li l-attriċi tibqa' tieħu din il-mediċina

minħabba fir-riskji li kienet esponietha għalihom. L-attur spjega minn xiex għaddiet martu wara li ħarġet mill-Isptar, u qal li din ma baqgħetx l-istess persuna li kien jaf, tant li minn persuna indipendenti li kienet tieħu ħsieb tagħmel kollox anki fid-dar, din spiċċat għandha bżonn l-assistenza anki fl-aktar affarijiet bażiċi ta' kuljum, bħat-tisjir u t-tindif. Qal ukoll li martu kellha twaqqaf ħafna mid-delizzji u mill-affarijiet li kienet tħobb tagħmel qabel l-inċident minħabba fl-isturdamenti frekwenti li jtuha, tant hu hekk lanqas baqgħet tgħum. Qal li dan kollu affettwalhom ħajjithom b'mod drastiku.

L-attriċi **Alexandra Sciberras** fl-*affidavit* tagħha[5] ikkonfermat li l-inċident tad-19 ta' Frar, 2015 seħħ waqt li hi u r-raġel tagħha Mario kienu qegħdin jippruvaw jaqsmu t-triq sabiex imorru jixtru minn spiżerija li tinsab fi Triq il-Kottonera, il-Birgu. Qalet li kulma taf hu li r-raġel tagħha pparkja l-vettura li kien qiegħed isuq, u hi ħarġet mill-vettura. Minn dak il-ħin 'il quddiem ma tiftakar xejn aktar ħlief li xħin reġgħet ġiet f'sensiha wara l-inċident, kienet ġiet infurmata li kienet tajritha karozza. Żiedet tgħid li tiftakar li fl-ewwel ġranet wara li ġiet f'sensiha hi kienet tingħata ħafna eżerċizzji u għajnuna anki sabiex reġgħet bdiet timxi u kien biss l-ewwel darba li ħarset fil-mera madwar ħamest ijiem wara l-inċident li hi indunat bil-farrett li kellha f'wiċċha konsegwenza tad-daqqa li ħadet. L-attriċi qalet li hekk kif bdiet timxi bdiet tesperjenza tnemnim f'partijiet differenti ta' saqajha, u hekk kif ġiet rilaxxjata mill-Isptar u marret id-dar ma kellha saħħa tagħmel xejn. Żiedet tgħid li meta marret lura d-dar, ippruvat tibda r-riabilitazzjoni tagħha, iżda kien hemmhekk li bdew l-isturdamenti li affettwawha ħafna fil-ħajja tagħha ta' kuljum, tant hu hekk li l-aktar affarijiet bażiċi, bħall-inxir tal-ħwejjeġ ma baqgħetx tista'

[5] *A fol.* 44 tal-proċess.

tagħmilhom, u hekk kif tqum mis-sodda kien ikollha tagħmel ftit ħin fil-kwiet sakemm tiġi f'tagħha, inkella tibda tħoss kollox idur biha. Qalet li kemm l-isturdamenti kif ukoll it-tingiż f'saqajha huma fost is-sintomi li għadha tbati minnhom.[6] L-attriċi ddeksriviet dak kollu li għaddiet minnu meta rreaġixxiet għat-trattament li ngħatalha mill-Isptar, u qalet li kien biss wara li waqqfet it-trattament tal-*Epinutin,* liema trattament ingħatalha minħabba fil-biżgħa li jibdew ituha l-aċċessjonijiet konsegwenza tad-daqqa li ħadet, li bdiet tirpilja f'saħħitha. Żiedet tgħid li minkejja li qabel l-inċident hi kienet bniedma attiva u tagħmel ħafna xogħol volontarju, inkluż fil-Parroċċa, wara l-inċident sofriet ħafna soċjalment, anki minħabba li bdiet tinsa u bdiet tħawwad fil-kliem. L-attriċi spjegat li anki fejn jidħol xogħol tad-dar, hi m'għadhiex tagħmel dak kollu li kienet tagħmel qabel, qatgħet ħafna mill-ħruġ soċjali speċjalment ta' filgħaxija, u kienet saħansitra bdiet kors ta' *carer* li kellha twaqqaf minħabba li wara l-inċident ħasset li ma kellha ebda użu għalih. L-attriċi kkonkludiet billi qalet li l-ħwejjeġ li kienet liebsa fil-ħin li seħħ l-inċident tqattgħu minn fuqha u ngħatawlha mqattgħin f'basket, u anki n-nuċċali tal-vista li kienet liebsa dak il-ħin tkisser.

Fl-udjenza tat-3 ta' April, 2017 xehed **Stephen Cachia**, in rappreżentanza tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta[7], li ta d-dettalji meħtieġa fir-rigward tas-

[6] Fi kliem ix-xhud, "Ngħid illi għalkemm ikruprajt ħafna minn saħħti lura, dan l-inċident tefgħani wisq lura, tant li m'għadnix l-istess persuna li kont qabel l-inċident. Ngħid li jien ġo qalbi kont inħossni li ħa mmut, u dana tant kemm kont inħossni li ma kontx qed nagħmel progress. Ngħid illi għal perijodu, ġurnata wara ġurnata, kont qed ninduna li l-istat ta' saħħa tiegħi flok imur għall-aħjar kien qed ikompli jiddeterjora. F'nofsinhar kont inkun bla forza u kien ikolli nidħol fis-sodda u ma kontx inqum qabel l-għada. Ngħid illi jien hekk kont inqatta' l-ġranet tiegħi għal perijodu ta' xahrejn wara li ġejt rilaxxjata mill-Isptar. Ma kont inkun irrid lil ħadd id-dar, ma kontx niflaħ nisma' storbju u paroli, lanqas fuq it-*telephone.* Għadni sal-lum inkun sturduta, bil-mediċini jaħdmu għal ftit imma kif nispiċċa l-kors tal-mediċini, jerġa' jibda l-isturdament. Ngħid illi fil-fatt għadhom qed isiru analiżi mediċi fuq din il-kundizzjoni tal-isturdamenti li jiena għandi nbati bihom sal-lum il-ġurnata."

[7] A fol. 72 tal-proċess.

soċjetà li kienet assigurata magħha l-vettura tal-konvenut involuta fl-imsemmi inċident.

Fl-istess udjenza xehdet **Dr Elizabeth Quintano**, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali[8], li ppreżentat kopja tal-*proces verbal*[9] fir-rigward tal-inkjesta maġisterjali li nżammet wara li seħħ l-inċident inkwistjoni. L-espert tekniku maħtur fl-inkjesta il-PL Mario Buttigieg[10] kkonstata li fil-wiċċ tat-triq fejn seħħ l-inċident ma kien hemm ebda sinjali ta' brejkijiet u qal li l-konvenut naqas mill-obbligu tiegħu li jħares u li juża kawtela fis-sewqan, u dan l-inċident seħħ minħabba li l-konvenut ma żammx *proper lookout* kif kellu l-obbligu li jagħmel. Il-Maġistrat Inkwerenti Dr Consuelo Scerri Herrera, fil-parti konklussiva tar-rapport tagħha, madanakollu attirat l-attenzjoni tal-Avukat Ġenerali għall-fatt li fl-inħawi fejn seħħ l-inċident hemm ukoll *zebra crossing* li ma jirriżultax li intużat mill-atturi.[11]

Fl-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2017 xehed il-**PL Mario Buttigieg**[12], li kkonferma li kien ġie inkarigat mill-Maġistrat Inkwerenti fl-inkjesta li saret dwar l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li l-inkarigu li ngħata kien li jagħmel rikostruzzjoni tal-mod kif seħħ l-inċident, u meta wasal fuq il-post dakinhar stess filgħaxija hu kien ikkonstata li t-temp kien tajjeb, li l-viżibilità fit-triq kienet tajba u li t-triq kienet xotta. Ix-xhud spjega li l-atturi kienu qegħdin jaqsmu t-triq min-naħa tax-xellug għal-lemin, biex imorru jixtru minn spiżerija meta dawn sfaw imtajrin mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Żied jgħid li mill-konstatazzjonijiet li għamel fuq il-post tal-inċident, irriżultalu li fl-istess triq

[8] *A fol.* 80A tal-proċess.
[9] *A fol.* 80C *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 176 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 84 tal-proċess.
[12] *A fol.* 221 tal-proċess.

hemm żewġ *pedestrian crossings,* waħda madwar ħamsin metru ’l fuq u l-oħra madwar mitt metru ’l isfel minn fejn seħħ l-inċident. Qal ukoll li minkejja li t-triq hi mdawla, fit-triq hemm ammont ta’ siġar li jikkawżaw ċertu dellijiet. Żied jgħid li l-veloċità li kien għaddej biha l-konvenut kienet ta’ madwar ħamsa u erbgħin kilometru fis-siegħa. Spjega li l-atturi ttajru f’nofs it-triq u minkejja li t-triq hi waħda twila u mdawla tajjeb, hemm għadd ta’ siġar twal fiha. Ix-xhud qal ukoll li l-vettura misjuqa mill-konvenut dejjem baqgħet fil-karreġġjata t-tajba u li dan qatt ma invada xi karreġġjata li mhux suppost kien fiha. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li fir-rapport tiegħu hu enfasizza li kien hemm nuqqas ta’ *proper lookout* da parti tal-konvenut, u hu wasal għal din il-konklużjoni minħabba li t-triq kienet wiesgħa, u lilu ma jirriżultalux li kien hemm xi ostakoli u għalhekk il-konvenut kellu jara lill-atturi meta dawn ippruvaw jaqsmu.

Fl-udjenza tas-27 ta’ Settembru, 2017 xehed **Dr Jean Paul Camilleri**[13], li qal li hu tabib li jaħdem fil-prattika privata fl-inħawi ta’ Ħaż-Żabbar, u li dakinhar li seħħ l-inċident hu kien intalab jagħti l-assistenza medika lil persuna li kienet ittajret fit-triq quddiem il-Milia’s Pharmacy ġewwa l-Birgu. Qal li l-mara li kienet mal-art kienet semikonxja, u hu taha l-ewwel għajnuna sakemm waslet l-ambulanza fuq il-post, billi għamel *jaw thrust chin lift* sabiex il-vittma tiġi assistita tieħu nifs aħjar, kif ukoll għamlilha *IV cannula,* u *veinflow* sabiex jekk meta tasal l-Isptar jinstab li din kellha xi emorraġija interna, tkun tista’ tingħata d-*drip* mill-ewwel. Qal li dam maġenb il-vittma madwar għaxar minuti jew kwarta, sa xħin waslet l-ambulanza.

---

[13] *A fol.* 228 tal-proċess.

Fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2018 xehed **Dr John Seychell Navarro**[14], li ntalab jippreżenta kopji awtentiċi tat-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda fil-kawża **Pulizija *vs* Glenn Pullicino**.[15]

Fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2018 xehed **Mr Antoine Zrinzo**[16], konsulent fil-qasam tan-*neurosurgery* fl-Isptar Mater Dei, li qal li hu kien eżamina lill-attriċi meta din iddaħħlet l-Isptar, fejn kien ikkonkluda li kellha ġrieħi ta' natura severa minħabba ksur fir-ras, tbenġil fil-moħħ u ħsara fuq iż-żewġ naħat tal-moħħ. Qal li minħabba fil-kundizzjoni li kienet fiha l-attriċi meta ddaħħlet l-Isptar, hija kellha tiġi intubata sabiex setgħu jsirulha t-testijiet neċessarji. Żied jgħid li wara li l-attriċi ħarġet mill-koma u bdiet tirkupra saħħitha, din intbagħtet id-dar, għalkemm l-ewwel darba li reġa' raha fit-taqsima tal-*outpatients* hija kienet qaltlu li kienet għadha ssofri minn uġigħ u tnemnim f'saqajha, sturdamenti u telf ta' memorja. Qal ukoll li minkejja li dawn huma sintomi normali għal min jaqla' daqqa, kien għadu kmieni wisq biex jiġi stabbilit jekk dawn is-sintomi kinux ta' natura permanenti. Ix-xhud qal li l-attriċi kienet ġiet preskritta mediċina li soltu tingħata lil persuni li jsofru mill-aċċessjonijiet u dan minħabba s-severità tad-daqqa li sofriet f'rasha, iżda dan it-trattament kellu jitwaqqaf minħabba fir-reazzjoni allerġika li kellha l-attriċi. Ix-xhud qal li meta reġa' ra lill-attriċi f'Diċembru tas-sena ta' wara, din kienet għadha qiegħda ssofri minn uġigħ u kienet qiegħda tilmenta wkoll li jdejjaqha d-dawl qawwi. Ix-xhud spjega t-testijiet li saru fuq l-attriċi sabiex jiġi stabbilit x'kienu d-debilitajiet permanenti li din baqgħet issofri minnhom wara l-inċident:

[14] *A fol.* 238C tal-proċess.
[15] Dokumenti esebiti *a fol.* 239 *et seq.* tal-proċess.
[16] *A fol.* 511 tal-proċess.

> "Min-naħa ta' *neuro surgery, neuro surgical deficit* ma kien hemm xejn ta' barra minn hawn ħlief li tisma' naqra inqas *on the right hand side* jiġifieri tista' tistabbilixxi min-naħa tiegħi u kellha wkoll meta teżaminaha kellha saqajha x-xellugija inqas min-naħa tal-lemin. Minħabba dawn il-*findings* konna bagħatniha l-MRI tar-ras u tas-sinsla kollha kemm hi li kien sar fit-18 ta' Mejju, 2017 u bħal ma jiġri ħafna drabi fl-MRI għax huwa strument sensittiv huwa ta' disks tul is-sinsla kollha però xejn notevoli li kien jagħti spjegazzjoni għall-ilmenti ta' saqajha x-xellugija. Abbażi ta' dan konna bagħatniha għal dak li jgħidulu EMG li huwa *studies* biex tara kif jaħdmu n-nervituri fis-saqajn biex tara jekk kienx hemm xi problema fis-sieq isfel u anke għax darba kienet kisret saqajha x-xellugija u kultant kien hemm problema lokali mad-dawra fejn tkun kisret però dan l-EMG li kien sar fit-2 ta' Ġunju, 2017 kien normali. Minħabba l-problema tas-*short term memory* u anke minħabba tal-isturdamenti konna mbagħad irreferejniha għal *neuro psychologist* u għall-ENT *dizziness clinic* fejn waħda kienet ratha Dr. Elania Pace Balzan li hi *consultant* fl-*audiology* u fid-*dizziness* u kienet ratha wkoll Ms. Diane Debattista minħabba l-problema li kellha fil-kliem però imbagħad Ms. Debattista kienet waslet ukoll għall-konklużjoni fir-rapport tagħha għallinqas li ma kienx hemm problemi biex titkellem imma l-problema kienet biex tiftakar ċerta kliem iktar min-naħa tal-memorja milli bħala *speech deficit."*

Ix-xhud qal li mil-lat neuroloġiku, hu kkonluda li l-attriċi kellha debilità permanenti ta' 3%, għalkemm spjega li dan il-perċentwal ta' debilità ma jirrappreżentax id-debilitajiet globali sofferti mill-attriċi, iżda biss id-debilitajiet neuroloġiċi, u esebixxa kopja tar-rapport imħejji minnu f'dan ir-rigward.[17] Ix-xhud spjega li fil-każ tal-attriċi, is-sintomi li bdiet tilmenta dwarhom ippersistew għal aktar minn sentejn wara li kien seħħ l-inċident, u għalhekk wara dan il-perijodu mhux jistenna aktar titjib fil-kundizzjoni ta' saħħet l-attriċi.[18]

---

[17] *A fol.* 519 tal-proċess.

[18] Fir-rapport mediku esebit minnu, dan ix-xhud ikkonstata illi: *"As a result of the said injury Ms. Sciberras is still suffering from:-*
*"1. Impaired short term memory; 2. Impaired cognitive skills; 3. Vertigo; 4. Dysaesthesia in the posterior aspect of the left calf and heel. The permanent percentage deficit relating to points 1 and 2 are covered in the neuropsychological assessment. The permanent percentage deficit relating to point 3 would have to be dealt with by a Consultant in Audiovestibular Medicine. From a neurosurgical point of view (point 4), Ms. Sciberras's complaints of the left lower limb are secondary to the head injury sustained. The MRI findings of the whole spine do not show any significant pathology as to explain these symptoms. Furthermore, the electo-physiological studies performed on June 2, 2017 were reported as being normal and there was no electophysiologiclal evidence of any significant underlying neuromuscular pathology in the*

Fl-udjenza tat-23 ta' April, 2018 xehdet **Diane Debattista**[19], li spjegat li hi *speech and language pathologist* u bħala tali tintervjeni fejn ikun hemm '*communication and swallowing disorders.'* Din ix-xhud spjegat li l-attriċi kienet ġiet riferuta lilha sabiex isirilha assessjar tal-*language skills.* Qalet li rat lill-attriċi f'żewġ sessjonijiet separati u għamlitilha assessjar tal-*aphasia* li tirriżulta wara li persuna tesperjenza ħsara fil-moħħ. Ix-xhud iddeskriviet din il-kundizzjoni bħala "*an acquired difficulty*" u mhux xi ħaġa li wieħed jitwieled biha. Ix-xhud qalet li lilha rriżultalha li l-attriċi għandha problemi marbuta mal-memorja, u f'dan ir-rigward irreferiet lill-attriċi għand *neuro psychologist,* għalkemm ikkonstatat ukoll li l-attriċi m'għadx għandha problemi marbuta mat-taħdit, mal-lingwa u mal-komunikazzjoni. Ix-xhud ippreżentat ukoll kopja tal-*ispeech language report* imħejji minnha wara l-assessjar li għamlet fuq l-attriċi.[20]

Fl-udjenza tal-21 ta' Mejju, 2018 xehdet **Dr Elenia Pace Balzan**[21], li spjegat li hi konsulenta fl-*audio-medicine* u tispeċjalizza fuq is-smigħ u l-isturdamenti. Qalet li hi bdiet tara lill-attriċi madwar sentejn wara li seħħ l-inċident, minħabba li din bdiet tilmenta li meta tagħmel ċerti movimenti b'rasha kienet qiegħda tistordi. Ix-xhud spjegat kif hemm tip ta' sturdamenti li wieħed iġarrab meta l-bilanċ tal-kristalli fil-widna jiġi disturbat, bħal meta wieħed jaqla' daqqa fir-ras. Ix-xhud qalet li bit-trattament li tat lill-attriċi l-ewwel darba li ratha, din bdiet ġejja 'l quddiem, madanakollu kkonstatat li l-attriċi kien għad baqgħalha xi sintomi meta kienet reġgħet ratha.

---

*lower limbs. The symptoms are thus deemed to be of central/cranial origin. This would equate to a permanent deficit of 3 percent (3%). In addition to this percentage, one would have to add the percentage deficit given for points 1, 2 and 3."*

[19] *A fol.* 530 tal-proċess.

[20] *A fol.* 535 tal-proċess.

[21] *A fol.* 541 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehdet **Marica Scicluna**[22] mill-Isptar Mater Dei, li ppreżentat kopja tal-file mediku tal-attriċi.[23]

Permezz ta' nota tat-12 ta' Ġunju, 2018, l-attriċi ppreżentat kopja ta' ċertifikat li juri li hi temmet b'suċċess kors dwar il-kura tal-anzjani[24], flimkien ma' għadd ta' rċevuti għal kura u trattamenti li hija kellha tagħmel.[25]

Fl-udjenza tal-25 ta' Ġunju, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur **Mario Sciberras**[26], li kkonferma li dakinhar tal-inċident, hu u l-mara tiegħu kienu diġà bdew jaqsmu t-triq tant li kienu waslu fin-nofs. L-attur ikkonferma wkoll li biex jaqsmu huma m'għamlux użu miż-*zebra crossing* li hemm fl-inħawi. Fi kliem ix-xhud:

> "Aħna kif eżatt ħa nagħtu pass biex naqsmu għal faċċata, jien inħoss daqqa qawwija hekk fuq ġenbejja li spiċċajt kważi kważi n-naħa l-oħra tat-triq jiena. Kull ma kien hemm bogħod mill-bankina xi żewġ metri. Waqajt mal-art jien dak il-ħin, però kelli saħħa nqum. Qomt stordut, ix-xedaq ma bediex jingħalaqli tajjeb. Ħassejt daqqa kbira fuq saqajja u fuq dahri u ovvjament daqqa fuq hawn wara, ir-ras in-naħa tar-*right.* Qomt u qisni ġejt f'sensija malajr u fittixt biex nara fejn qiegħda l-mara jiena ... Qomt imbagħad indur hekk u nara lill-mara bejn wieħed u ieħor xi erba' metri 'l bogħod minni però l-mara terġa' u tgħid qisu qabżet il-linja l-bajda, qabżitha qisu b'metru però ma tiċċaqlaqx mal-art u jien mort fuq il-mara imbagħad ..."

Ix-xhud żied jgħid li meta hu u martu ddaħħlu l-Isptar, hu kien inkwetat minħabba li martu kienet fil-periklu imminenti li titlef ħajjitha, u minħabba dan hu kien anki rrifjuta li jiġi eżaminat mit-tobba tal-Isptar minkejja li kien muġugħ. L-attur qal ukoll li l-post minn fejn qasmu hu u martu hu l-uniku post

---

[22] *A fol.* 546 tal-proċess.
[23] *A fol.* 547 *et seq.* tal-proċess.
[24] *A fol.* 802 tal-proċess.
[25] *A fol.* 803 *et seq.* tal-proċess.
[26] *A fol.* 812 tal-proċess.

fit-triq fejn hemm id-dawl u minkejja li hemm iż-*zebra crossings* fit-triq, dawn mhumiex imdawlin. Ix-xhud żied jgħid li minkejja li mad-daqqa hu u l-mara tiegħu spiċċaw mal-art f'periklu li jerġgħu jintlaqtu minn vetturi oħra li sadanittant baqgħu għaddejjin mit-triq, madanakollu huma xorta waħda ma ntlaqtux għat-tieni darba minħabba li dik il-parti tat-triq kienet imdawla tajjeb.

B'digriet tal-24 ta' Settembru, 2018[27], il-Qorti ħatret lil **Dr Malcolm Vella** bħala espert mediku sabiex wara li jeżamina lill-attriċi jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident imsemmi fuq l-istat ta' saħħa tal-attriċi u jekk konsegwenza ta' dan l-inċident l-attriċi sofrietx xi debilità permanenti u f'liema grad.

L-espert mediku ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fil-31 ta' Ottubru, 2018[28], fejn ikkonstata li wara l-inċident l-attriċi baqgħet issofri minn sturdamenti u telf ta' bilanċ, sensittività għad-dawl, telf ta' memorja u skumdità u tnemnim f'sieqha tax-xellug. L-espert ikkonkluda li d-disturbi fil-memorja tal-attriċi jammontaw għal erbgħin fil-mija (40%) debilità permanenti, filwaqt li l-uġigħ ta' deafferentazzjoni jammonta għal debilità permanenti ta' tlieta fil-mija (3%). In vista ta' dan l-espert mediku kkonkluda li t-total ta' debilitajiet sofferti mill-attriċi hu ta' tnejn u erbgħin fil-mija (42%).

Il-konvenut **Glenn Pullicino** fl-*affidavit* tiegħu[29] qal li dakinhar li seħħ l-inċident hu kien qiegħed isuq mid-dar tal-ġenituri tiegħu f'Ħaż-Żabbar fi triqtu lejn l-Isla. Qal li meta seħħ l-impatt, hu kien għaddej mill-karreġġjata tiegħu u jaf li kien qiegħed isuq bil-mod minħabba li kien jaf li fit-triq hemm xi *zebra crossings,* u għalhekk moħħu kien fit-triq. Żied jgħid li minkejja li l-espert tal-

[27] *A fol.* 820 tal-proċess.
[28] *A fol.* 823 tal-proċess.
[29] *A fol.* 836 tal-proċess.

Qorti kkonkluda li fil-ħin tal-impatt hu kien għaddej b'veloċità ta' madwar ħamsa u erbgħin kilometru fis-siegħa, hu jemmen li kien għaddej b'anqas veloċità minn hekk. Kompla jgħid kif f'ħin minnhom sema' daqqa, u xħin ħares sew ra mara mal-art, u hu ma jistax jifhem kif seħħ l-inċident minħabba li filli kien qiegħed isuq bil-mod u filli ra dell fil-*beam* tad-dawl tal-karozza u sema' d-daqqa. Żied jgħid li wara xi żmien hu kien mar jara lill-atturi biex jara kif kienu baqgħu wara l-inċident, u dawn qalulu li huma stess ma kinux jafu x'ġara ħlief li kienu qegħdin jaqsmu t-triq u qalgħu daqqa.

Fl-udjenza tat-12 ta' Diċembru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Glenn Pullicino**[30], li qal li fl-akkwati fejn seħħ l-inċident ma jidhirlux li kien hemm ħafna dawl, u l-ħsara li hu kellu fil-karozza kienet fin-naħa tal-lemin tagħha, mal-parti fejn ħa d-daqqa. Żied jgħid li però ma jafx l-atturi f'liema parti tat-triq kienu minħabba li hu ma rahomx qabel ma induna li kien laqathom.

## <u>Konsiderazzjonijiet legali</u>

F'kawżi ta' din ix-xorta l-ewwel indaġni li trid ssir mill-Qorti hija sabiex tistabbilixxi jekk hemmx responsabbilità da parti tal-konvenut għall-akkadut, u jekk dan għandux jinżamm responsabbli għad-danni li evidentement sofriet l-attriċi. Jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ hekk kif l-atturi kienu qegħdin jippruvaw jaqsmu triq li huma familjari magħha, tant hu hekk xehdu li huma ma joqogħdux bogħod minn fejn seħħ l-inċident. L-inċident seħħ filgħaxija wara li kien dalam, f'ħin li fih l-atturi kienu sejrin jixtru minn spiżerija li hemm

[30] *A fol.* 839 tal-proċess.

fl-inħawi, u huma ppruvaw jaqsmu minn dik li huma jqisu li hija l-aktar parti mdawla tat-triq, u dan minkejja li fl-istess triq hemm żewġ *zebra crossings.* Għal xi raġuni, u minkejja li mill-provi u mill-konstatazzjonijiet li għamel l-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti, jirriżulta li l-konvenut kien qiegħed isuq entro l-limiti ta' veloċità stabbiliti għall-inħawi, l-atturi sfaw imtajrin minnu hekk kif kienu qegħdin jaqsmu t-triq, bl-attur isofri ġrieħi ħfief, tant li qam mill-art waħdu u mexa fuq saqajh eżatt wara li seħħ l-inċident, u bl-attriċi tweġġa' gravi tant li għal xi ġranet kienet anki fil-periklu li titlef ħajjitha. Il-konvenut eċċepixxa li in vista tal-fatt li fit-triq fejn seħħ l-inċident hemm żewġ *zebra crossings* li ma sarx użu minnhom da parti mill-atturi, huma għandhom iġorru r-responsabbilità għal din id-deċiżjoni tagħhom, u għandu jiġi konkluż li almenu kien hemm negliġenza kontributorja da parti tal-atturi għall-mod kif seħħ l-inċident.

Il-Qorti kkonsidrat li l-atturi huma familjari mat-triq fejn seħħ l-inċident, tant li joqogħdu madwar ħames mitt metru bogħod, u għalhekk kif xehed l-attur Mario Sciberras innifsu, huma għażlu l-aktar parti tat-triq imdawla biex jaqsmu minnha, naturalment sabiex inaqqsu r-riskju għalihom.

Il-Qorti tqis li l-konvenut ċertament li naqas milli jżomm il-*proper lookout* rikjest minn kull sewwieq, biex kien biss wara li ħass id-daqqa li induna li kien tajjar lil xi ħadd, u dan meta jirriżulta li ftit tal-mumenti qabel mill-istess triq għaddew serbut karozzi u kien biss wara li raw li ma kienet ġejja l-ebda vettura oħra li l-atturi ppruvaw jaqsmu. Irriżulta wkoll li wara li l-atturi ttajru u l-attriċi tħalliet f'nofs it-triq għal xi ħin u ma ġietx imċaqalqa mill-art, sewwieqa ta' vetturi oħra li kienu għaddejjin mill-inħawi, indunaw bl-atturi u waqfu sabiex jaraw x'kien ġara. Tqis li dan il-fatt hu indikattiv li t-triq kienet imdawla

biżżejjed u sewwieqa li kienu għaddejjin mill-inħawi b'ċerta kawtela, indunaw mill-ewwel li kien hemm persuna mal-art fit-triq. Il-Qorti tqis li fi triq fejn hemm żewġ *zebra crossings* f'distanza ta' ftit metri bogħod minn xulxin, u spiżerija li hi ffrekwentata min-nies fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata, il-konvenut kellu juri ferm aktar kawtela fis-sewqan, u jżomm *proper lookout* għal dak kollu li jista' jinqala'. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Sylvester Tabone *vs.* Carmen Abela**[31], fejn il-Qorti, filwaqt li għamlet id-distinzjoni bejn provi fi proċedimenti kriminali u provi fi proċedimenti ċivili, iċċitat minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Robert Brincat**[32], u qalet:

> "Driver għandu juża d-diliġenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq, anki jekk il-*pedestrian* jaqsam negliġentement u għalhekk għandu jiġi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tiegħu b'mod li jkun poġġa ruħu f'pożizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-*pedestrian*. Il-każ li fih *driver* jista' jkun eżentat mir-responsabbilità hu dak biss fejn il-*pedestrian* b'xi att inaspettat u subitaneu jew xort'oħra b'xi għemil tiegħu jkun qiegħed lid-*driver* f'pożizzjoni li anki bl-użu tad-diliġenza meħtieġa dan ma setax assolutament jevita l-investiment (App. Krim. Pulizija vs Carmel Mifsud 26.06.1954)."

Fl-imsemmija sentenza sar riferiment wkoll għal sentenzi oħra, fejn ġie ritenut illi:

> "… għalkemm il-*pedestrian* għandu dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam, ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam." "Jekk il-*pedestrian* ikun negliġenti però, dan ma jassolvix lid-*driver* tal-*car* milli juża dak il-grad ta' '*reasonable care*' li tinħtieġ. Dana kollu jingħad dejjem sakemm ma tkunx ġiet mill-*pedestrian* kreata lid-*driver*, bl-imprudenza tiegħu, emerġenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux raġonevolment possibbli, azzjoni tempestiva evażiva." (App. Krim. **Pul. *vs* J. Formosa**).

[31] P.A., 25.11.2013.
[32] 22.11.2007.

F'sentenzi oħra imbagħad ġew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emerġenza subitanea tavvera ruħha, eż: 'Meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-konduċent, jew jagħmel xi moviment insolitu u inaspettat.' (App. Krim. '**Pulizija *vs* J. Thornton**' Kollezz. Vol. XLV p. iv. P. 920) jew meta pedestrian jinżel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaċċa għall-għarrieda minn wara xi car ieħor, jew li joħroġ minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaċċa għall-għarrieda u inaspettatament quddiem il-karozza (App. Krim. '**Il-Pulizija *vs* Cassar Desain**')."

Fis-sentenza appena ċċitata, il-Qorti rreferiet saħansitra għal dak li qalet il-Corte di Cassazione tal-Italja fir-rigward ta' sitwazzjonijiet fejn sewwieq jista' jeżimi ruħu minn kull responsabbilità għall-investiment ta' *pedestrian:*

"Il-Corte de Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d'Appello di Bologna stabbiliet li f'każijiet ta' investiment ta' *pedestrian* jista' jirriżulta it-tort esklussiv tal-*pedestrian* meta jikkonkorru s-segwenti kundizzjonijiet:

a) *Che il conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilità di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente I movimenti;*
b) *Che i movimenti del pedone siano cosí rapidi e inattesi da farlo convergere all'improvviso sulla traiettoria del veicolo;*
c) *Che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di commune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

Illi ġie ritenut mill-Qrati Tagħna li, 'Hu dover ta' *driver to see what is in plain view*' (App. Krim. **Pulizija *vs* Joseph Vella** – 10.08.1963), u li 'min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm 'a proper lookout' (App. Krim. **Pulizija *vs* J.M. Laferla** 17.06.1961), *'Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* **(Newhaus vs Bastion Insurance Co. Ltd. (1968)**).

F'sentenza oħra fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**[33] intqal illi:

> "*Driver* ta' karozza għandu inegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm *a proper lookout* għall-vejikoli, *pedestrians* u *road-users* oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat 'ma għandux jintesa illi accident stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċirkostanzi oħra tal-mument … għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

Il-Qorti tqis li fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, il-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża stante li jirriżulta b'mod manifest li huwa naqas f'wieħed miż-żewġ obbligi ewlenin li għandu kull sewwieq fit-triq, dak li jżomm *a proper lookout* għall-vetturi, *pedestrians* u *road-users*. Għalhekk għandu jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-attriċi, kemm għal dawk li huma danni materjali (*damnum emergens)* kif ukoll għal dawk li huwa telf ta' qligħ futur (*lucrum cessans)* li l-attriċi għad tista' ssofri konsegwenza tad-debilitajiet li hija ġarrbet fl-imsemmi nċident.

Il-konvenut qajjem wkoll l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur f'din il-kawża, liema eċċezzjoni l-Qorti tqis li għandha tiġi indirizzata qabel tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi. Jirriżulta kemm mir-rikors promutur kif ukoll mill-provi, li l-attur mhu qiegħed iressaq l-ebda pretensjoni ta' danni li setgħu ġew sofferti minnu b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, u dan minkejja li huwa wkoll safa mtajjar mill-konvenut fl-istess inċident. Huwa minnu li waqt il-ġbir tal-provi u waqt il-prosegwiment

[33] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 21.05.1960.

tal-kawża imkien ma ntqal li bejn l-atturi m'hemmx viġenti r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti, iżda l-Qorti tqis li t-talba rigwardanti r-responsabbilità tal-konvenut għall-akkadut hija msejsa fuq danni ta' natura akwiljana, liema danni m'għandhomx jiġu kkonsidrati bħala dħul jew beni tal-komunjoni tal-akkwisti a tenur tal-artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili. Inoltre ladarba jirriżulta li l-attur Mario Sciberras, mhu jitlob li tiġi indirizzata l-ebda talba għal danni li huwa sofra konsegwenza tal-inċident, il-Qorti tqis li jonqos fih l-interess ġuridiku rikjest sabiex jibqa' jiġi kkonsidrat bħala parti meħtieġa f'din il-kawża, u għalhekk qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-konvenut f'dan ir-rigward.

*Damnum emergens:*

Mill-irċevuti esebiti mill-attriċi, jirriżulta li d-danni materjali sofferti minnha jammontaw għal seba' mija u sitta u sittin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€766.31).[34]

*Lucrum cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[35], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li

[34] Irċevuti *a fol.* 48 (€30.17), *a fol.* 49 (€11.14), *a fol.* 50 (€80), *a fol.* 803 (€250), *a fol.* 804 (€50), *a fol.* 805 (€50), *a fol.* 806 (€45), *a fol.* 807 (€150), *a fol.* 808 (€100) u *a fol. a fol. a fol.* 809 (€120).
[35] P.A., 18.02.2013.

jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[36], ġie stabbilit illi:

"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

F'dan il-każ jirriżulta li l-attriċi, li dakinhar li seħħ l-inċident kellha ħamsin (50) sena u kienet mara tad-dar minkejja li kienet għadha kemm temmet b'suċċess kors dwar il-kura tal-anzjani, sofriet minn debilità permanenti ta' tnejn u erbgħin fil-mija (42%), u li dwar dan il-grad ta' debilità hemm qbil bejn l-esperti mediċi li kkuraw lill-attriċi privatament u l-espert mediku maħtur mill-Qorti.

Il-Qorti sejra tieħu bħala dħul bażiku tal-attriċi għas-sena meta seħħ l-inċident, il-paga minima nazzjonali għas-sena 2015, u dan in vista tal-fatt li minkejja li jidher li l-attriċi potenzjalment setgħet kienet ser tibda taħdem f'xi punt fil-futur, tant li anki temmet b'suċċess kors dwar il-kura tal-anzjani, madanakollu ma jirriżultax x'tip ta' introjtu seta' kien ser ikollha minn tali

[36] P.A., 27.04.2005.

impjieg. Il-paga minima nazzjonali fis-sena 2015 kienet ta' €8,645.52 (gross) jew €7,780.97 (netti wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali).

F'każ pjuttost riċenti fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[37], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**', (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona vs Asphar**', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**, Appell, 20.07.1994)."

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[38] ġie stabbilit li hu:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja

[37] P.A., 25.02.2016.
[38] Q.A., 05.03.1986.

> lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life*.
>
> ...
>
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

F'dawn l-aħħar snin l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu, u f'każ ta' persuni li jkunu fl-età ta' ħamsin (50) sena, bħalma hi l-attriċi, il-*multiplier* għandu jkun ta' 13. Il-Qorti qiegħda tistabbilixxi wkoll li s-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu għall-fini tal-komputazzjoni tagħha, għandu jiġi aġġustat skont ir-rata tal-inflazzjoni għas-snin kollha tal-*multiplier*[39]*,* sabiex b'hekk il-Qorti ser tkun qiegħda taħdem fuq dħul medju ta' €7,780.97 + €8,752.04 / 2 = €8,266.50.

L-evolviment ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti fir-rigward tal-komputazzjoni li trid issir, li għandu jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment*. Barra minn hekk, kif ġie ritenuto fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Agius et *vs.* All Services Ltd**[40]:

---

[39] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja talinflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

[40] P.A., 02.06.2005.

> "F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (*lump sum payment*) lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."

Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti tqis li ma kienx hemm ebda dewmien, tant li l-proċeduri nbdew fl-2017, u l-Qorti ser tkun qiegħda tagħti d-deċiżjoni tagħha fi żmien sentejn mindu nbdiet il-kawża, u għalhekk il-Qorti mhijiex ser tipprovdi għal ebda tnaqqis mill-imsemmija għoxrin fil-mija (20%) għal-*lump sum payment*.

Għalhekk is-somma li għandha tiġi likwidata bħala *lucrum cessans* hija: €8,266.50 x 13 (*multiplier*) = €107,464.53 x 42% diżabilità = €45,135.10 - 20% (*lump sum payment*) = €36,108.08 (sitta u tletin elf, mija u tmien Euro u tmien ċenteżmi), li magħduda mad-danni attwali sofferti mill-attriċi, jammontaw għal €36,874.39 (sitta u tletin elf, tmin mija u erbgħa u sebgħin Euro u disgħa u tletin ċenteżmu).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fir-rigward tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fil-kawża tal-attur Mario Sciberras, u tiddikjara li l-attur Mario Sciberras m'għandu l-ebda interess ġuridiku fl-azzjoni odjerna;**

2. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut;**

3. **Tilqa' t-talbiet tal-attriċi u tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fi Triq il-Kottonera, Birgu fid-dsatax (19) ta' Frar, 2015, fejn il-konvenut tajjar lill-attriċi Alexandra Sciberras bil-vettura tal-marka Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni VWP 099, u tiddikjarah responsabbli għall-konsegwenzjali danni li sofriet l-attriċi Alexandra Sciberras;**

4. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi fis-somma ta' sitta u tletin elf, tmin mija u erbgħa u sebgħin Euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€36,874.39);**

5. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi din is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-ħamsa (5) ta' Jannar, 2017 u dik tal-ħmistax (15) ta' Frar, 2017 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.